16 ta' Marzu, 1946.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Helen Gauci** *versus* **John Gauci** (*)

**Separazzjoni Personali — Restituzzjoni tad-Dota — Amministrazzjoni tal-Beni tal-Mara — Ċessazzjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti.**

*Meta l-konjugi jinsabu separati b'sentenza, il-mara ma tistax titlob ir-restituzzjoni tad-dota u d-dritt li tamministra ħwejjiġha f'kawża oħra, jekk dawn il-provvedimenti ma kienux ġew mogħtija fil-kawża tas-separazzjoni. Imma ċ-ċessazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti tista' tiġi mitluba f'kawża oħra bħala effett tas-sentenza tas-separazzjoni personali.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni fejn l-attriċi, wara li ppremettiet illi b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-25 ta' Ġunju 1945, ġiet ordnata s-separazzjoni personali tagħha mill-konvenut żewġha għal ħtija taż-żewġ naħiet; u li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Angelo Cachia tat-30 ta' Novembru 1934, *kema* kienu stipulaw il-komunjoni ta' l-akkwisti *tagħhom*; *u li ġie* lilha assenjat bħala dota l-utili dominju għal *żmien* rimanenti ta' ċirka 106 snin tad-dar numru 5, Duke of York Street, Hamrun, soġġetta għaċ-ċens annwu perpetwu ta' £2, u anki ħwejjeġ oħra; u li hija matul iż-żwieġ kienet wirtet minn għand il-ġenituri tagħha u minn għand niesha beni immobili, mobili, flus u krediti u ġid ieħor, li halkemm parti minn dan il-wirt għadu indiviż ma' werrieta oħra; talbet:— (1) Li l-konvenut jiġi kundannat biex jagħtiha lura l-beni li hija ġiebet b'dota; (2) Li tiġi awtorizzata tamministra l-beni tagħha li ma humiex dotali, sija provenjenti minn *wirt sija minn* kwalunkwe kawża oħra; (3) Li tiġi *ordnata* ċ-ċessazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti billi għal quddiem l-ebda wieħed mill-kontendenti ma jkollu dritt fuq l-akkwisti li jiġu magħmula mill-parti l-oħra; salv illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti tiġi likwidata f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż;

*Omissis*;

---

(*) Ara sentenza fl-istess ismijiet, Prim'Awla 22. 6. 46 (pubblikata)

Rat in-nota ta' l-eċċezzjoni tal-konvenut fejn, in linea preliminari, irrileva illi t-talbiet attriċi setgħu biss jiġu provvduti fil-kawża tas-separazzjoni personali, u kwindi talab li jiġi liberat minnhom bl-ispejjeż, għaliex josta' l-ġudikat;

Tikkunsidra fuq l-imsemmija eċċezzjoni preliminari, wara li rat in-noti tal-kontendenti u sémgħet id-difensuri tagħhom;

*Omissis;*

Illi b'att ta' ċitazzjoni numru 468 ta' l-1944, il-konvenut John Gauci — attur fil ġudizzju mibdi b'dak l-att — talab il-firda tiegħu mill-attriċi martu — konvenuta f'dak il-ġudizzju — minħabba theddid, inġurji u moħqrija. B'sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar 1945, dik it-talba ġiet milqugħa fis-sens li ġiet ordnata s-separazzjoni personali minħabba l-ħtija taż-żewġ naħiet. Dik is-sentenza ġiet mill-Qorti ta' l-Appell riformata b'sentenza tal-25 ta' Ġunju 1945, fis-sens li s-separazzjoni għandha tiftiehem li hija dovuta għal ħtija taż-żewġ kontendenti, iżda l-ħtija tal-konvenuta — l-attriċi f'dan il-ġudizzju — kienet akbar;

*Illi dak li l-attriċi qiegħda titlob f'din il-kawża huma l-effetti li hija trid li jkollha s-separazzjoni personali pronunzjata fis-sens fuq imsemmi*; l-ewwel effett patrimonjali ossija waħda mill-pieni stabbiliti mil-liġi; it-tieni konsistenti f'modifikazzjoni ta' l-awtorità maritali; u t-tielet effett ieħor patrimonjali li għandu fondament umanitarju u anki l-inġustizzja li l-parti ħatja tibqa' kompartecipi fl akkwisti tal-parti l-oħra;

Il-liġi tikkommina l-piena fl-ewwel lok imsemmija bħala konsegwenza tas-separazzjoni għal min jagħti lok għall-firda skond il-grad tal-ħtija tiegħu. Pronunzjata s-separazzjoni għar-raġuni ta' adulteriu jew ta' abbandun, dina skond il-liġi ġġib dawk il-konsegwenzi kollha stabbiliti fl-art. 56, 57 u 58 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 Ediz. Riv.), fosthom il-jedd tal-mara li tieħu lura d-dota (l-ewwel talba ta' l-attriċi) jekk il-ħtija tal-firda tkun l-adulteriu jew l-abbandun da parti tar-raġel. Dawn il-pieni joħorġu skond il-liġi bħala konsegwenza tas-separazzjoni għall-motivi fuq indikati mingħair bżonn ta' talba. L-ebda wieħed minn dawn l-effetti ma jġib magħha s-separazzjoni mogħtija minħabba l-kundanna għal delitt ta' xi waħda mill-

persuni miżżewġin, kif stabbilit fl-art. 49; u meta s-separazzjoni tiġi mogħtija għal xi waħda mill-ħtijiet kontemplati fl-art. 47—eċċessi, moħqrija, theddid jew inġurji gravi—bħal ma hija dik li minħabba fiha ġiet pronunzjata s-separazzjoni bejn il-kontendenti, il-liġi tiddisponi li din is-separazzjoni jista' jkollha l-effetti kollha fuq indikati, iżda meta l-Qorti jidhrilha li taħt iċ-ċirkustanzi tal-każ dawk l-effetti għandhom jgħoddu f'kollox jew biċċa. U dan għandu jiftiehem fis-sens illi s-separazzjoni mogħtija għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet ma ġġibx magħha l-ebda waħda mill-imsemmijin konsegwenzi jekk il-Qorti, avut rigward għaċ-ċirkustanzi, ma tapplikahomx lanqas f'biċċa. Fil-każ tas-separazzjoni pronunzjata bejn il-kontendenti l-Qorti ma applikatx l-ebda wieħed minnhom fis-sentenza, u kwindi, skond dik l-istess sentenza, ma għandhomx jgħoddu, u għalhekk l-attriċi ma tistax tagħmel istanza oħra għall-applikazzjoni tagħhom, għaliex huwa ta' ostakolu dak il-ġudikat;

Inoltri, fil-każ tas-separazzjoni bejn il-kontendenti dina ġiet mogħtija għal ħtija tat-tnejn; f'liema każ (art. 53) il-Qorti tista' tieħu qies ta' dan il-fatt għall-finijiet ta' l-art. 60, li jħalli f'idejha li tiddeċidi skond iċ-ċirkustanzi jekk id-dispożizzjonijiet fuq imsemmijin ta' l-art. 56, 57 u 58 għandhomx jgħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għall-wieħed jew għall-oħra biss, inkella ma għandhomx jgħoddu għal ħadd minnhom;

Il-Qorti, meta tat is-separazzjoni, ma applikat l-ebda wieħed mill-imsemmijin effetti, kif kien hemm bżonn sabiex l-effett ikun jista' jgħodd, billi l-motivi tas-separazzjoni kienu dawk kontemplati fl-art 47; presummibilment għaliex ma dehrilhiex li kien il-każ li għandhom jgħoddu d-dispożizzjonijiet ta' l-art. 56, 57 u 58, minħabba ċ-ċirkustanzi li rriżultawlha.................;

Tikkunsidra:

Illi l-istess għandu jingħad għar-rigward tat-tieni talba, is-setgħa, jiġifieri, lill-mara li tamministra ħwejjiġha; meta l-għoti ta' din is-setgħa tiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti skond iċ-ċirkustanzi fil-każ li l-firda tiġi mogħtija bi ħtija sew tagħha kemm tar-raġel, għandha tiġi mogħtija fl-istess sentenza li

taghti l-firda; u jekk ma tiġix mogħtija, din il-modifikazzjoni fl-awtorità maritali ma ssegwix. U difatti, anki hawn, meta l-firda tiġi mogħtija bi ħtija tar-raġel, dina l-modifikazzjoni fl-awtorità maritali ssegwi in forza tal-liġi mingħajr bżonn li tiġi applikata mill-Qorti fis-sentenza li biha taghti l-firda u mingħajr bżonn ta' talba għaliha (art. 65), imma hemm bżonn illi s-setgħa fuq il-mseħmija tiġi mogħtija mill-Qorti meta l-firda tiġi pronunċjata bħtija sew tar-raġel kemm tal-mara (art. 66); u jekk ma tiġix mogħtija fis-sentenza tal-firda, dik il-firda ma ġġibx dan it-tbiddil fl-istat tal-mara. Fil-każ tas-separazzjoni pronunċjata bejn il-kontendenti dina s-setgħa ma ġietx mogħtija lill-mara, u dana jfisser li hija ma għandhiex ikollha dik is-setgħa, u ma tistax titlobha wara, għaliex ikun ta' ostakolu l-ġudikat;

Tikkunsidra;

Illi l-istess ma jistax jingħad għar-rigward tat-tielet talba, iċ-ċessazzjoni, jiġifieri, tal-jedd tal-parti l-oħra fuq l-akkwisti li wara l-firda jsiru mill-attriċi, li l-Qorti tista' tordna taħt il-kondizzjoni tar-rinunzja min-naħa tagħha fuq l-akkwisti li jsiru mill-konvenut. U difatti, sabiex isir dan it-tmiem ta' l-akkwisti hemm bżonn ta' talba ta' wieħed jew l-ieħor mill-konjuġi; u dana huwa biżżejjed, apparti konsiderazzjonijiet oħra ta' indoli umanitarja, biex juri li dana l-ordni jista' jiġi mogħti anki wara s-sentenza li taghti l-firda;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni limitatament għall-ewwel żewġ talbiet u tirrespingiha għat-tielet; u tordna illi l-ispejjeż relativi jitħallsu żewġ terzi mill-attriċi u terz mill-konvenut.